**25 ta' Lulju, 1985**

**Imħallef:**

**Onor. Hugh Harding, B.A., LL.D., F.S.A., F.R., Hist. S.**

Victor Gauci

*versus*

Joseph Micallef *et*

## Mertu ta' Kawża - Ċessjoni tal-Mertu Minħabba Ħidma ta' l-Istess Attur - Spejjeż.

*Il-mertu tal-kawża ġie eżawrit mhux minħabba xi att tal-konvenuti fil-mori tal-ġudizzju iżda minħabba dak li għamel l-istess attur.*

*Il-Qorti tirritjeni li meta l-attur minn jeddu għamel ix-xogħol li kien qiegħed jitlob li jagħmlu l-konvenuti, u li kien jifforma l-meritu tal-kawża, hu kien qiegħed jirrinunzja għall-azzjoni minnu proposta billi kien qiegħed jirrinunzja għall-pretensjoni tiegħu avanzata fil-kawża, u kwindi jsegwi li ma jistax jippretendi l-ispejjeż tal-kawża mingħand il-konvenut.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, - wara li ppremetta illi huwa inkwilin tal-fond Nru. 47, Imrieħel Street, Birkirkara, li jinkorpora wkoll ġnien, li huwa juża regolarment u ilu hekk jużah għal diversi snin, illi l-konvenuti huma uħud mid-diversi komproprietarji tal-fond mikri lill-attur u ta' fond adjaċenti Nru. 46, Imrieħel Street, Birkirkara; li jagħti wkoll għall-ġnien fuq imsemmi, illi nhar is-Sibt 24 ta' Novembru, 1979 għal xi-2.00 p.m. il-konvenuti daħlu fl-imsemmi ġnien mill-fond Nru. 46, Imrieħel Street, Birkirkara, minnhom possedut, u abbusivament u mingħajr dritt fil-liġi qaċċtu ħbula ta' l-inxir li kien hemm fl-istess ġnien, li l-attur ilu juża regolarment għal dawn l-aħħar sbatax-il sena, qaċċtulu wkoll u ħadu diversi xtieli li kienu mħawla fl-istess ġnien u qaċċtu minn mal-bir pompa ta' l-ilma bl-installazzjoni relativa, proprietà ta' l-istess attur, u li huwa juża biex issaqqi l-ġnien u illi l-għemil tal-konvenuti jikkostitwixxi spoll reċenti a dannu ta' l-attur - talab li għar-raġunijiet fuq premessi (1) dina l-Qorti tiddikjara u tiddeċidi illi l-konvenuti ikkommettew spoll reċenti a dannu ta' l-attur, (2) konsegwentement il-konvenuti jiġu kkundannati minn dina l-Qorti fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss, jirreintegraw il-ġnien anness mal-fond Nru. 47, Imrieħel Street, Birkirkara, u użat mill-attur, fl-istat oriġinali tiegħu, inklużi l-ħabel ta' l-inxir, ix-xtieli, u l-pompa ta' l-ilma bl-instalazzjoni relativa, taħt id-direzzjoni ta' periti *nominandi* u (3) f'każ li jgħaddi inutilment t-terminu lilhom hekk prefiss, l-attur jiġi awtorizzat minn dina l-Qorti jesegwixxi huwa nnifsu x-xogħlijiet kollha neċessarji biex jitqiegħed kollox fl-istat pristinu fl-imsemmi ġnien, a spejjez tal-konvenuti, taħt id-direżżjoni ta' l-istess periti *nominandi*, bl-ispejjez kontra l-konvenuti, inġunti personalment għas-subizzjoni, b'riserva ta' kull azzjoni għad-danni spettanti lill-attur kontra l-konvenuti;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha eċċepew illi d-domandi attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huma ma kkommettew ebda spoll imma għall-kuntrarju rrespinġew attentat abbusiv u vjolazzjoni tal-proprjetà ta' l-attur;

Rat in-nota ta' l-attur ippreżentata fit-8 ta' Novembru, 1984 li biha, *in vista* ta' ċerti żviluppi li ġraw fil-mori tal-kawża, ċeda s-sorte stante li l-istess meritu huwa eżawrit, mentri żamm ferm il-kap ta' l-ispejjeż;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

Għandu jingħad mill-ewwel li dan mhux il-każ ta' meta konvenut, fil-mori tal-kawża, jesegwixxi dak li ġie mitlub minnu mill-attur u kwindi dana jċedi l-meritu u jżomm ferm il-kap ta'l-ispejjeż;

Il-każ preżenti huwa kompletament differenti għaliex kif jidher mill-verbal tas-seduta tat-13 ta' Ġunju, 1985, kif ukoll mid-depożizzjoni ta' l-istess attur tal-11 ta' Lulju, 1985, il-meritu tal-kawża ġie eżawrit mhux minħabba xi att tal-konvenuti fil-mori tal-ġudizzju iżda minħabba dak li għamel l-istess attur. Infatti mill-imsemmi verbal jirriżulta li kien l-attur li reġà qiegħed l-*wires* ta' l-inxir kif ukoll il-pompa ta' l-ilma u mill-imsemmija depożizzjoni jidher li kien l-attur li ħawwel xtieli ġodda tal-ward minflok dawk imqaċċta;

Il-Qorti tirritjeni li meta l-attur minn jeddu raġa' qiegħed

l-*wires* ta' l-inxir u l-pompa u ħawwel xtieli ġodda tal-ward - dak li kien qiegħed jitlob li jagħmlu l-konvenuti, u li kien jifforma l-meritu tal-kawża - hu issa kien qiegħed jirrinunzja għall-azzjoni minnu proposta billi kien qiegħed jirrinunzja għall-pretensjoni tiegħu avanzata fil-kawża li jista' jġiegħel lill-konvenuti jqiegħdu lura l-*wires* u l-pompa u jħawlu x-xtieli, u kwindi jsegwi li ma jistax jippretendi l-ispejjeż tal-kawża mingħand il-konvenuti;

Ir-raġuni avvanzata mill-attur li huwa kien kostrett jagħmel hekk billi ma setax jistenna minħabba n-natura tagħhom u l-bżonn urġenti li jużahom - u dana relativament għall-*wires* ta' l-inxir u l-pompa - mhix, fil-fehma tal-Qorti, raġuni valida billi jekk l-attur ħass li kien hemm xi urġenza, huwa seta' dejjem jitlob li l-kawża ssir b'urġenza - ħaġa li ma għamilx;

Għal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-meritu billi dan ġie rrinunzjat, tiddeċidi li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jiġu ssopportati mill-attur.